**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 215/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Justin Farrugia**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Justin Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 22891(M), u kontra *Omissis*, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli b'diversi atti magħmulin minnhom ukoll jekk fi żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli fl-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel, ġewwa, l-Gżira bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul kontra l-volonta' tagħhom jew taw il-post biex fih dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati. U dan bil-ħsieb li jestorċu flus jew xi ħwejjeġ oħra, jew sabiex Nicholas Farrugia u John Ellul jaċċetaw li jagħmlu trasferiment ta' ħwejjeġhom.
2. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi; irrikattaw lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul bil-ħsieb li jestorċu flus jew xi haġ'oħra, jew li jagħmlu xi qliegħ jew bil-ħsieb li jġiegħlu lil Nicholas Farrugia u lil John

Ellul jagħmlu jew jonqsu li jagħmlu xi ħaġa u/jew permezz ta' theddid li jagħmlu denunzja jew kwerela kontra tagħhom jew li jagħtu malafama.

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Frar, 2012 u/jew fi ġranet jew xhur ta' qabel; iffalsifikaw ċekk proprjeta' tal-Bank of Valletta, bin-numru 1280 li meta ġie ppreżentat minnhom, irċevew somma ta' Elfejn, mitejn u għoxrin Euro (€2220) fi flus kontanti.
4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fi ġranet jew xhur ta' qabel, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' tlett elef, mitejn u sebgħin Euro (€3270) għad-dannu ta' John Ellul u ta' Nicholas Farrugia jew persuni oħra.
5. U wkoll talli saru reċidivi b'diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mnaqqsa jew mibdula skond artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lil Justin Farrugia waħdu, akkużat talli:

6. F'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Frar, 2012 u/jew fi ġranet jew xhur ta' qabel għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat li jikkonsisti f'ċekk f'proprjeta' tal-Bank of Valletta, bin-numru 1280, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan għad-dannu ta' Nicholas Farrugia.
7. Kif ukoll talli nhar l-20 ta' Frar, 2012 filgħaxija ġewwa San Giljan attakka u għamel reżistenza bi vjolenza u/jew ħebb kontra l-Kuntistabbli 80 Stephen Mercieca li huwa inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, u ċioe' membru fil-Korp tal-Pulizija waqt li kien qed jagħmel dan is-servizz.
8. Talli fl-istess ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija u ċioe' tal-Kuntistabbli 80 Stephen Mercieca u lil Kuntistabbli 781 Anthony Zammit
9. U anke talli fl-20 ta' Frar, 2012 ukoll fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer hu saq vettura bil-mutur tal-għamla Skoda u ta' kulur aħmar bin-numru ta' reġistrazzzjoni EAU-708 mingħajr liċenzja tas-sewqan u aktar talli saq b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u b'mod perikoluż.
10. Talli fl-14 ta' Marzu, 2012 u /jew fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer xjentement għex għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' Ellie Briffa u persuni oħra.
11. Talli nhar l-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-

persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħhom.

12. Ukoll talli fix-xahar ta' Marzu u/jew fil-ġranet u xhur ta' qabel; ġewwa dawn il-Gżejjer ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li jmissu kien jaf li dan kien ta fastidju għal dawk il-persuni.
13. Talli kiser il-kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest li ġew imposti fuqu nhar il-15 ta' Diċembru, 2011 mill-Maġistrat Dr C Scerri Herrera LL.D.
14. Talli wettaq reati *de quo* fil-perjodu operattiv ta' sentenzi ta' Priġunerija sospiza datati 22/6/2010 u 17/2/2011.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' April 2018, fejn il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha kif dedotti kontrih ħlief l-għaxar (10) u t-tnax (12)-il akkuża u kkundanatu għal piena ta' priġunerija ta' erba' (4) snin u xahrejn (2) priġunerija effettivi. Il-Qorti ordnat ukoll illi z-zewġ sentenzi preċedentement inflitti fuq l-imputat u datati sbatax (17) ta' Frar, elfejn u ħdax (2011) mill-Qorti tal-Appell u tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju, elfejn u għaxra (2010) (Dok. SBX – fol. 306) jibdew fis-seħħ minn dakinhar tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Justin Farrugia, ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tannulla s-sentenza appellata, u tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi mill-ġdid skond il-liġi;
2. Subordinarjament, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena;
3. Subordinament, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel u t-tieni talba, jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena li biha l-Ewwel Qorti rrendiet effettiva s-sentenza ta' priġunerija sospiza datata 17 ta' Frar 2011, u teroga piena aktar mita fiċ-ċirkostanzi tal-kaz u tikkonfermaha fil-bqija;
4. Subordinament, f'kaz li l-Qorti ma tilqax it-tlett talbiet preċedenti, tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundanatu għal terminu ta' priġunerija ta' erba' snin u xahrejn u rrendiet effettiva s-sentenza datata 22 ta' Ġunju 2010, u tikkonfermaha fil-bqija tagħha.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Justin Farrugia.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat s-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2022, fejn kien milqugħ l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, b'dan għalhekk illi s-sentenza impunjata kienet iddikjarata nulla u bla effett fil-liġi, u bis-setgħa mogħtija lilha bl-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ħassret is-sentenza appellata u ordnat li jinstema' l-każ mill-ġdid fil-mertu, bl-aggravji rimanenti jitqiesu bħala sottomissjonijiet in difeża.

Rat li nhar is-17 ta' Frar 2023, id-difiża talbet sabiex jixhed l-appellant dwar iċ-ċirkostanzi li fihom huwa rreġistra l-ammissjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, u dan b'rabta mat-tieni aggravju minnu sollevat.

Semgħet l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali għal tali talba stante li l-appellant kien debitament assistit quddiem l-Ewwel Qorti u ukoll għaliex l-ammissjoni ġiet reġistrata fi stadju avvanżat tal-proċeduri.

Rat li din il-Qorti, dakinhar stess, laqgħet it-talba hekk kif imressqa mid-difiża u ordnat li jinstema' l-appellant kif ukoll l-Ispettur Saviour Baldacchino, u dana limitatament fir-rigward tal-ammissjoni minnu reġistrata quddiem l-Ewwel Qorti.

Semgħet ix-xiehda ta'l-appellant u ta'l-iSpettur Saviour Baldacchino.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru 2022, is-sentenza mogħtija fil-konfront ta'l-appellant kienet dikjarata nulla, bil-Qorti għalhekk tordna li ikun hemm smigħ mill-ġdid fuq l-atti kif kkumpilati quddiem l-Ewwel Qorti. Issa minn daqqa t'għajn lejn l-atti tal-kawża jirriżulta illi l-appellant fl-istadju inoltrat tal-proċeduri, u dan wara li kienu instemgħu il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu għajr għall-għaxar, ħdax u tnax-il imputazzjonijiet. Illi mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2016 jirriżultaw is-segwenti fatti probatorji:–

**"Meta ssejħet il-kawza deher l-Uffiċjal Prosekutur u l-akkuzat assistit minn Dr Patrick Valentino.**

**L-imputat qed jirreġistra ammissjoni għall-akkuzi kif dedotti kontrih ħlief għall-għaxar, ħdax u tnax il-akkuza, u kkonferma tali ammissjoni wara li ngħata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruħu."**

Illi minn qari ta' dan il-verbal li jirrifletti dak li seħħ dak in-nhar tat-28 ta' Novembru 2016, jirriżulta illi l-appellant kien legalment assistit mid-difensur tiegħu, u wara li rreġistra din l-ammissjoni ngħata żmien xieraq biex jirrikonsidraha.

Illi tajjeb jingħad illi l-provi huma kollha kkumpilati billi l-appellant irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju finali tal-proċeduri. Illi mix-xiehda ta'l-appellant mogħtija quddiem din il-Qorti huwa jallega illi rreġistra l-ammissjoni kontra r-rieda tiegħu u dan meta kien ukoll injar min-natura ta'l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Jgħid li kien l-avukat tiegħu, Dr Patrick Valentino, li kien ġiegħlu jammetti u li hu ma riedx jagħmel hekk, u għalhekk irid jerġa' lura minn din l-ammissjoni ta' ħtija.

Issa minn eżami tal-atti jirriżulta s-segwenti *iter* proċesswali. L-appellant tressaq il-qorti fid-29 ta' Marzu 2012 mixli b'sensiela ta' reati. Illi b'kollox inżammu 36 seduta fejn l-appellant kien dejjem debitament assistit, ħlief għal xi ftit seduti. Illi għalkemm inizjalment kien assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, iżda fit-08 ta' April 2014 l-Ewwel Qorti ħatret avukat tal-għajnuna legali sabiex jassisti lill-appellant. Illi fis-seduta tal-04 ta' Novembru 2013, kienu miżjuda xi imputazzjonijiet ġodda u l-akkużi inqraw mill-ġdid, bl-appellant jeżenta lil qorti milli terġa' tisma' l-provi. Fis-07 ta' Novembru 2013 l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jkun iġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' nota ta' rinviju għal ġudizzju. Fl-20 ta' Diċembru 2013 il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u minn hawn il-kawża tħalliet għal provi difiża wara li inqrat in-nota ta' rinviju u l-appellant ta l-kunsens tiegħu biex il-każ jkun deċiż mill-qorti inferjuri. Illi l-unika prova li jressaq l-appellant tikkonsisti f'talba sabiex jitħejja *social enquiry report* liema rapport jiġi ippreżentat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Rona Custo' fit-13 ta' Ottubru 2014. Fl-04 ta' Lulju 2016 id-difiża għalqet il-provi tagħha. Wara dan, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2016 l-appellant jirreġistra

ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha ħlief dawk bin-numri 10, 11 u 12. Il-Qorti ikkonċediet żmien lil partijiet sabiex iħejju nota ta' sottomissjonijiet, liema nota kienet ippreżentat mill-Prosekuzzjoni, iżda mhux mid-difiża. Fl-20 ta' Novembru 2017, il-kawza tħalliet għas-sentenza bil-fakolta' mogħtija lid-difiża sabiex tressaq nota ta' sottomissjonijiet, li xortawaħda baqgħet ma saritx. Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2018, kien maħtur avukat tal-għajnuna legali ġdid u l-kawża tħalliet għas-sentenza, liema sentenza ngħatat fit-23 ta' April 2018.

Illi l-Qorti traċċat l-*iter* li segwiet din il-kawża sabiex tindaga l-ilment imressaq mill-appellant u l-motiv li qed iwaslu sabiex f'dan l-istadju tal-proċeduri huwa jinsisti li jrid jirtira l-ammissjoni minnu reġistrata quddiem l-Ewwel Qorti. Illi spjanat l-*iter* li segwiet il-kawża jrid qabel xejn ikun determinat jekk huwiex legalment possibbli għall-appellant illi huwa jirtira dik l-ammissjoni f'dan l-istadju tal-proċeduri u dan għaliex huwa jikkontendi illi ma fehemx in-natura tal-imputazzjonijiet li għalihom kien ser jirreġistra l-ammissjoni tiegħu. Illi fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ppresjeduta fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri*** tal-20 ta' Jannar 1995 jingħad:

> **"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. <u>Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti</u>". Insenjament dan**

**citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Rainer Grima tat-12 ta' Mejju 2004 u aktar recenti fis-sentenza Il-Pulizija vs Andre Falzon App Krim 19.11.2015 u Il-Pulizija vs Tamer Mohammed Hussein Rozik App Krim 4.2.2016;**

Illi allura huwa possibbli għal persuna misjuba ħatja wara ammissjoni illi jirtira dik l-ammissjoni fi stadju ta' reviżjoni fi tlett ċirkostanzi u ċioe' jekk:

1. l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew;
2. jekk ma kinitx l-intenzjoni tal-imputat li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew;
3. fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-liġi, tikkundannah, cioe' ssibu ħati ta' reat.

Issa ibda biex il-kawża damet għaddejja b'kollox sitt snin, li fihom l-appellant kien debitament assistit tul il-proċess kollu u li fihom s-smigħ tal-kawża ħa l-kors kollu tiegħu bil-provi kollha jkunu kkumpilati. Huwa biss fl-istadju finali tal-kawża, meta l-Ewwel Qorti kienet waslet biex tħalli l-istess għas-sentenza, illi l-appellant iddeċieda jirreġistra ammissjoni. Dan ifisser, allura, li żgur u mhux forsi li l-appellant kien jaf sewwa x'kienet in-natura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Biss biss tul is-snin kien ippatroċinat minn diversi avukati, bl-ewwel tnejn ikunu tal-għażla tiegħu. Mhux biss, imma wara li kien maħtur l-avukat tal-għajnuna legali, li dam jassisti lill-appellant għal ħames snin sħaħ, huwa qatt ma ressaq ilment dwar xi nuqqas fl-assistenza legali li kienet qed tiġi lilu offruta.

Illi, allura, dak li jikkontendi l-appellant, kemm fir-rikors ta'l-appell kif ukoll fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti ma jistax ikollu mis-sewwa. Kien preżenti għas-seduti kollha, u fil-maġġior parti tal-istess debitament assistit. Tħejja *social enquiry report* fil-konfront tiegħu minn Uffiċjal tal-Probation minn fejn jirriżulta illi dan ma kienx l-ewwel każ li kellu l-appellant fil-qorti, biex b'hekk huwa kien diġa' midħla tal-mod kif jimxu l-proċeduri. Fil-fatt minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali piuttost voluminuża tiegħu jidher li din ma kenitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejgħ mal-ġustizzja. Issa jekk l-appellant f'dan iż-żmien kollu li damu għaddejjin il-proċeduri ħass li ma kellux għalfejn jikkonsulta ruħu mal-avukat tiegħu u jikseb l-

informazzjoni meħtieġa, dan kien nuqqas minn naħa tiegħu, u ma jistax issa jinqeda bl-iskuża li wara sitt snin sħaħ ma kienx konxju tan-natura ta'l-akkużi lilu addebitati. Kien biss f'dan l-istadju ta' revizjoni li l-appellant ressaq aggravju dwar l-ammissjoni minnu magħmula u dan bl-intenzjoni unika li jtawwal il-proċeduri issa li huwa konxju tal-fatt li hemm kundanna mdendla fuq rasu.

Illi fuq kollox, imbagħad, l-appellant kien debitament assistit meta rreġistra l-ammissjoni tiegħu, tant illi huwa ma ammettiex għall-imputazzjonijiet kollha, iżda għażel li jibqa' jikkontesta tlieta minnhom. U allura l-affermazzjoni tiegħu mogħtija meta xehed quddiem din il-Qorti illi "**lanqas idea li qed nammetti ma kelli**", tirrażenta il-fieragħ.

Illi mhux biss, iżda fir-rikors ta'l-appell tiegħu, huwa jafferma illi:

> **"... minkejja li l-Ewwel Qorti pproċediet bid-debita kawzjoni u cioe' billi wissiet lill-appellant, dakinhar imputat, bil-konsegwenzi ta'l-ammissjoni tiegħu, dan ma kienx jaf x'ser ikun ir-riżultat ta'l-ammissjoni tiegħu ....."**

Illi allura huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti segwiet id-dettami tal-liġi wara li l-appellant irreġistra l-ammissjoni tiegħu, wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi tat-tweġiba tiegħu, tatu żmien biex jirrikonsidra din it-tweġiba, tant illi is-sentenza ġiet ippronunzjata kawzi sentejn wara li huwa kien irreġistra din l-ammissjoni. Żgur li l-appellant f'dan il-perijodu twil ta' żmien, fejn saħansitra l-Ewwel Qorti tatu opportunita' għal aktar minn darba sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, kellu biżżejjed żmien għal ripensament, u jekk kien hemm xi ħaġa li ma kienx qed jifhem sewwa, kellu kull okkazzjoni sabiex jitlob li jiġi lilu mfiehem dak li kien qed jiġri.[1] Illi jingħad finalment illi dak li trid il-liġi kull meta l-persuna imputata turi ix-xewqa li tirreġistra ammissjoni, huwa li jingħata biżżejjed żmien biex iqies l-ammissjoni tiegħu u li jkun jaf bil-konsegwenzi ta tali ammissjoni, fatti li l-appellant ma jikkontestax illi seħħew. Ċertament li l-Qorti ma għandha ebda obbligu tinforma lil persuna akkużata x'ser ikun ir-riżultat tal-ammissjoni tiegħu, billi kif spiss affermat fil-ġurisprudenza kull minn jirreġistra ammisjoni jerfa' ir-responsabbilta' tad-

[1] Ammissjoni reġistrata fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2016, u l-Oqrti ippronunzjat is-sentenza fit-23 ta' April 2018

deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull sentenza dwar piena li l-qorti tkun tista' tasal għaliha.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies illi fil-fatt huwa dan li seħħ proprju f'dan il-każ. L-appellant irreġistra l-ammissjoni tiegħu u reħa ruħu f'idejn il-qorti sabiex tagħtih dik il-piena xierqa u idonja skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, ċirkostanzi li kienu ben magħrufa għall-appellant, li f'dak l-istadju kellu quddiemu stampa ċara tal-fatti tal-każ bil-provi kollha jkunu minnu mismugħa tul il-proċeduri, tant illi lejn l-aħħar fażi tal-proċess huwa talab li jitħejja *Social Enquiry Report* li investiga n-natura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u l-konsegwenzi legali għall-istess u dan fi sfond ta' investigazzjoni dwar is-sitwazzjoni soċjali u legali tal-appellant *vis-a-vis* l-imputazzjonijiet lilu addebitati. L-ammissjoni reġistrata mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti kienet waħda legalment valida fejn huwa kien debitament assistit u ngħata biżżejjed żmien sabiex jaħseb dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni, liema ammissjoni, fi kwalunkwe żmien sakemm ġiet ippronunzjata is-sentenza, setgħet liberalment tiġi rtirata minnu, ħaġa li f'kawżi sentejn ma ħassx li kellu jagħmel, iżda iddeċieda jieħu din it-triq u allura kellu ripensament biss wara li ngħatat s-sentenza u allura meta ħass li l-piena erogata fil-konfront tiegħu kienet waħda oneruża. Dan ifisser illi ebda waħda miċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-liġi u fil-ġurisprudenza li tirrendi l-ammissjoni waħda mhux skont il-liġi avveraw rwieħhom. Lanqas ma jidher illi kien hemm xi raġuni, abbażi tal-provi kollha kkumpilati, li setgħet ħolqot xi impediment fattwali u/jew legali li żżomm lill-Ewwel Qorti milli ssib lill-appellant ħati tal-fatti minnu ammessi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravju marbut mal-amissjoni tal-appellant kif reġistrata quddiem l-Ewwel Qorti, liema aggravju kien ikkunsidrat bħala sottomissjoni in difeża, u tordna il-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-każ fuq l-atti kif ikkumpilati, b'riserva lill-partijiet li jressqu kwalunkwe prova oħra li fil-kwadru probatorju tal-każ jidhrilhom li hija meħtieġa.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**